**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Mejju 2019**

**Kawza Nru. 3**
**Rikors Nru. 77/2016 JZM**

**Nadia Vella (detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru: 17276(G)**

***kontra***

**L-Avukat Generali**

***u***

**Joseph Camilleri (detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 458091(M),**

**dan ta` l-ahhar ghal kull interess illi jista` jkollu**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

**Rat ir-rikors prezentat fil–<u>11 ta` Awwissu 2016</u> li jaqra hekk :–**

## *1. <u>Introduzzjoni</u>*

*1.1. L-esponenti Nadia Vella u l-intimat Joseph Camilleri kienu mizzewgin u miz-zwieg taghhom kellhom tifel wiehed, il-minuri Eric Camilleri, li twieled nhar il-5 ta` Marzu, 2006;*

*1.2. L-esponenti Nadia Vella u l-intimat Joseph Camilleri isseparaw personalment permezz ta` kuntratt ta` separazzjoni personali ippubblikat min-Nutar Dottor Paul George Pisani nhar l-14 ta` Jannar, 2008. Fost affarijiet ohra, f`dan il-kuntratt ta` separazzjoni personali l-esponenti Nadia Vella u l-intimat Joseph Camilleri ftehmu illi kull wiehed u wahda minnhom huma awtorizzati jghixu hajjithom indipendentament u li l-ebda wahda mill-partijiet ma jkollha xi setgha tindahal lill-parti l-ohra fil-hajja privata taghha. Gie miftiehem illi r-residenza tal-minuti Eric Camilleri ghandha tkun ma` l-esponenti Nadia Vella u li l-intimat Joseph Camilleri ghandu jkollu access ghall-imsemmi minuri. Dak iz-zmien l-esponenti Nadia Vella u l-intimat Joseph Camilleri kienu jghixu Ghawdex;*

*1.3. Sussegwentament, l-esponenti Nadia Vella talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja illi hija tigi awtorizzata tghix Malta u tirregistra lill-minuri Eric Camilleri fi skola gewwa Malta u dik il-Qorti b`digriet moghti minnha nhar it-23 ta` Lulju, 2009 laqghet it-talbiet ta` l-esponenti Nadia Vella u ipprovdiet bil-mod li jirrizulta minn dak id-digriet. L-intimat Joseph Camilleri minn hemm beda battalja legali qalila kontra l-esponenti inkluz bi proceduri mibdija minnu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) bir-rikors mahluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet* ***Joseph Camilleri v. Nadia Vella*** *li bhalissa ghadhom pendenti;*

*1.4. L-esponenti gja` ipprezentat rikors kostituzzjonali minhabba xi incident li graw matul il-kors tal-proceduri imsemmija pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li ghandhom ir-rikors mahluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet* ***Joseph Camilleri v. Nadia Vella*** *liema rikors huwa dak bhalissa pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti bin-numru: 62/2016/JZM fl-ismijiet* ***Nadia Vella et. v. L-Avukat Generali et.*** *Recentament purtroppo rega` gara incident iehor li jinnecessita` l-intervent ta` dina l-Onorabbli*

*Qorti billi d-dritt ghal smiegh xieraq ta` l-esponenti gie evidentament miksur b`digriet moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-atti tar-rikors mahluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet* ***Joseph Camilleri v. Nadia Vella****. Il-fatti huma dawn li gejjin: l-intimat Joseph Camilleri, attur fil-kawza li ghaliha qeghda ssir referenza, ipprezenta zewg rikorsi fl-atti ta` dik il-kawza, wiehed nhar it-22 ta` Gunju, 2016 u l-iehor nhar l-4 ta` Lulju, 2016. Dik il-Qorti ordnat in-notifika ta` dawn ir-rikorsi u akkordat lill-esponenti hamest ijiem utili sabiex twiegeb l-ewwel rikors u hamest ijiem sabiex twiegeb it-tieni rikors. L-intimat Joseph Camilleri ipprova jinnotifika lill-esponenti gewwa l-iskola fejn tghallem izda billi kienet bil-vaganzi tas-sajf – haga illi l-intimat Joseph Camilleri jaf – it-tentattiv kien inutili. Ipprova jinnotifikaha ukoll matul seduta li nzammet quddiem il-Perit Legali fl-atti ta` l-istess kawza ghal-liema seduta l-esponenti ma attendietx u lanqas attenda l-intimat Joseph Camilleri ghaliex kienet seduta sabiex huwa jiddikjara jonqsuhx provi f`dik il-kawza. L-intimat Joseph Camilleri, minflok ma kompla jsegwi l-process tan-notifika skond id-dispozizzjonijiet ta` l-artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, ipprezenta rikors iehor nhar l-20 ta` Lulju, 2016 fejn, kif ser jirrizulta, allega li l-esponenti kienet qeghda tipprova tahrab in-notifika taghha bir-rikorsi imsemmija u ghalhekk talab jew li jigi notifikat l-avukat sottoskritt jew li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tghaddi sabiex tiddegreta r-rikorsi tieghu minghajr smiegh u minghajr risposta da parti ta` l-esponenti. Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hadet spunt minn dan ir-rikors u haditha espressament qatta` bla habel kontra l-esponenti u laqghet it-talba li biha intalbet tiddegreta minghajr smiegh u minghajr risposta ta` l-esponenti ghar-raguni li allegatament l-intimata tul il-kors kollu ta` dawn il-proceduri, sfidat l-ordnijiet tal-Qorti b`mod ripetut u konsistenti u ghamlet minn kollox biex tostakola l-access tal-missier ghal ibnu u dan b`detriment kbir ghall-istess minuri. Dik il-Qorti ghaddiet sabiex laqghet ir-rikors ta` l-intimat Joseph Camilleri ta` nhar it-22 ta` Gunju, 2016 u laqghet ir-raba` (4) talba kontenuta fir-rikors ta` l-intimat Joseph Camilleri ta` nhar l-4 ta` Lulju, 2016 u irrizervat li tipprovdi fuq il-bqija. Sadanittant l-esponenti giet notifikata biz-zewg rikorsi u ipprezentat ir-risposti taghha skond id-digrieti li bih inghatat il-fakulta` li twiegeb liema digrieti baqghu ma gewx revokati minghajr ma kienet taf li gja` inghataw digrieti decizorji. Meta gew ipprezentati r-risposti ta` l-esponenti il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma iddegretat xejn ulterjorment izda irrilevat biss illi hija kienet gja` iddegretat l-istess. Ta` min jghid illi minn hames (5) talbiet kontenuti fir-rikors ta` l-intimat Joseph Camilleri ta` nhar l-4 ta` Lulju, 2016, giet deciza talba wahda biss u ma gie degretat xejn aktar fuq it-talbiet l-ohra;*

## ***2. L-ilment konvenzjonali ta` l-esponenti***

*2.1. Spjegati l-fatti illi wasslu ghall-prezentata ta` dan ir-rikors, l-esponenti ser tghaddi sabiex tispjega l-ilmenti taghha mil-lenti tad-drittijiet fundamentali;*

*2.2. L-esponenti gja` ilmentat dwar il-mod kif il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tiddegreta kwistjonijiet ta` natura serja u importanti hafna minghajr ma taghti smiegh lill-partijiet u dana fir-rikors kostituzzjonali l-iehor gja` ipprezentat minnha quddiem dina l-Onorabbli Qorti u hawn fuq referit. Huwa umilment sottomess illi d-dritt fundamentali taghha taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta` Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta gie lez ghaliex decizjonijiet importanti hafna li qeghdin jaffettwaw il-hajja taghha inghataw minghajr ma l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat oral hearing. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem nhar il-21 ta` Settembru, 2006 fl-ismijiet* ***Moser v. Austria*** *gie ritenut illi According to the Court`s case-law, the right to a public hearing under Article 6 entails an entitlement to an "oral hearing" unless there are exceptional circumstances taht justify dispensing with such a hearing (see, for instance, Stallinger and Kuso v. Austria, judgement of 23 April 1997, Reports 1997-ll, pp. 679-80, § 51, and Allan Jacobsson v. Sweden (no. 2), judgement of 19 February 1998, Reports 1998-l, p. 168, §46). In the present case, there were no such circumstances. Neither did the proceedings concern highly technical issues or purely legal questions (see, as regards these criteria, Schuler-Zgraggen v. Switzerland, judgement of 24 June 1993, Series A no. 263, pp. 19-20, §58, and Varela Assalino v. Portugal (dec.), no. 64336/01, 25 April 2002). Thus, the first applicant was entitled to a hearing. Fis-sentenza moghtija mill-"Grand Chamber" tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem nhar il-15 ta` Ottubru, 2009 fl-ismijiet* ***Micallef v. Malta*** *ir-regoli tal-fair and public trial gew applikati ghal provvedimenti provvizorji kontemplati mil-ligi taghna: issa jekk interim measure fuq proprjeta` iggib maghha l-obbligu tal-garanziji kollha tal-fair and public trial, kemm dan ghandu japplika aktar ghall-mizuri li jolqtu l-hajja privata u tal-familja ta` l-esponenti?*

*2.3. Din id-darba l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) marret oltre`. Dana fis-sens illi filwaqt illi l-ewwel tat l-opportunita` li l-esponenti twiegeb, wara minghajr ma attwalment irrevokat tali ordnijiet, qabdet u iddegretat b`mod definittiv fuq ir-rikorsi ipprezentati mill-intimat Joseph Camilleri li kien ghadhom pendenti u cahhdet lill-esponenti mill-jedd taghha, moghti lilha mill-istess Qorti, li twiegeb. Ir-raguni jew ahjar l-iskuza li ressaq l-intimat Joseph*

*Camilleri li huwa ma rnexxilux jinnotifika lill-esponenti ma kenitx raguni valida sabiex l-esponenti tigi fattwalment imcahhda mill-jedd moghti lilha minn dik l-istess Qorti li twiegeb u dana billi fl-ewwel lok kellu huwa jiehu hsieb jibghat in-notifika ta` l-atti f`post fejn setghu jigu konsenjati lill-esponenti, kif fil-fatt ghamel wara diversi tentattivi, fit-tieni lok seta` dejjem inqeda bil-procedura kontemplata mil-ligi fl-artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta u fit-tielet lok, soluzzjoni, moghtija mill-intimat Joseph Camilleri stess, kienet illi jigi notifikat il-konsulent legali. Minn dawn l-ghazliet kollha, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) dehrilha illi Hija ghandha taqbad u tiddekreta ir-rikorsi ipprezentati mill-intimat Joseph Camilleri minnufih ghaf-favur tieghu. Dwar ir-rikors ipprezentat mill-intimat Joseph Camilleri nhar l-4 ta` Lulju, 2016 dik il-Qorti laqghet ir-raba` (4) talba biss u irrizervat illi tipprovdi fuq il-bqija. X`hin l-esponenti wiegbet, ghaliex hija giet notifikata fl-istess zmien li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) iddegretat, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) iddegretat biss illi Hija kienet gja` tat digriet fuq ir-rikors. Kieku l-esponenti ma wiegbet xejn ir-rizultat kien ikun l-istess u bir-rispett kollu, digriet kontra l-iehor: l-esponenti tinghata l-opportunita` li twiegeb u minghajr ma jigu revokati id-digrieti relattivi, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tiddegreta l-mertu; il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tiddegreta l-mertu izda tirrizerva li tipprovdi fuq talbiet ohra – ta` importanza kbira – izda meta tidhol ir-risposta tiddegreta li gja` tat digriet. Biex tizdied id-doza, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tikkummenta avversament u b`mod pregudizzjevoli fil-konfront ta` l-esponenti b`mod illi oggettivament ma jistax jinghad illi dik il-Qorti baqghet wahda indipendenti u imparzjali izda hija parzjali ghall-ahhar evidentament kontra l-esponenti u b`ostilita` kbira lejha;*

*2.4. Huwa umilment sottomess illi d-dritt fundamentali ta` l-esponenti taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta` Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta gie miksur u aktarx ser ikompli jigi miksur u huwa ghalhekk illi l-esponenti irrikorriet ghand dina l-Onorabbli Qorti;*

## ***3. <u>Konkluzjoni</u>***

*3.1. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:*

*(i) fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeciedi illi l-fatti suesposti jaghtu lok ghal u jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali ta` l-*

*esponenti senjatament l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta` Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*(ii) fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeciedi wkoll illi d-dritt fundamentali ta` l-esponenti sancit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta` Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta aktarx ser ikompli jigi miksur;*

*(iii) konsegwentement taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta` l-esponenti hekk kif garantiti taht il-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana billi, fost affarijiet ohra, thassar u tannulla d-digrieti moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar il-21 ta` Lulju, 2016 fl-atti tar-rikors mahluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet* ***Joseph Camilleri v. Nadia Vella*** *u tordna li s-smiegh ta` l-istess kawza li ghandha r-rikors mahluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet* ***Joseph Camilleri v. Nadia Vella*** *jigi assenjat lill-Imhallef iehor;*

*(iv) tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu d-danni sofferti mill-esponenti minhabba tali vjolazzjonijiet;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati.*

**Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fit-<u>12 ta` Settembru 2016</u> li taqra hekk :–**

*Illi in linea preliminari, jidher li l-azzjoni odjerna hi intempestiva stante li r-rikorrenti ma esawrixitx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha skont il-ligi u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors Promotur odjern u dan ai termini tal-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirribatti li mhux minnu li kien hemm u/jew jista jkun hemm vjolazzjoni tal-*

*Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-konfront tar-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :-*

*Illi minn ezami tar-Rikors Promutur huwa manifest li l-proceduri intavolati mir-rikorrenti huma intizi biex jissospendu l-proceduri civili pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Civili, (Sezzjoni tal-Familja) (Ref. 302/2012/AL); liema proceduri jinsabu differiti ghat-23 ta` Novembru, 2016 ghall-kontinwazzjoni fl-istadju tal-gbir tal-provi. Dato ma non concesso li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma fondati, haga li l-esponent qed jikkontesta, xorta wahda ma jsegwix li dan jaghti lok ghan-nuqqas ta` smigh xieraq. Kif tghallimna l-Gurisprudenza nostrana, id-dritt ghas-smigh xieraq jiggarantixxi l-aderenza ma certi principji procedurali li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Fil-fatt, din l-Onorabbli Qorti fil-mansjoni Kostituzzjonali taghha hija kompetenti biss biex tiddeciedi jekk gewx lezi xi drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropeja u mhux li tirrevedi d-digrieti tal-Qrati l-ohra sabiex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi korrettament o meno[1];*

*Illi inoltrè, l-azzjoni odjerna hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li fic-cirkostanzi odjerni, li l-Qorti koncernata iddecidiet b`mod skorrett fl-imsemmi Digriet u/jew li imxiet b`xi mod parzjali. Fil-fatt, minn qari tal-imsemmi Digriet tal-21 ta` Lulju, 2016, ma jirrizultax li l-Qorti koncernata ma iddecidietx skont il-ligi wara li ezercitat id-diskrezzjoni taghha b`mod ragjonevoli fl-ambitu tal-gustizzja. Ghandu jinghad li, il-fatt uniku li t-talbiet tal-intimat Joseph Camilleri iltaqghu ma jikkostitwix ksur awtomatiku tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti odjerna;*

*Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghar-ragunijiet fuq esposti, l-ebda rimedju u/jew danni m`hu dovut lir-rikorrenti stante li c-cirkostanzi tal-kaz ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan in kwantu jidher mill-atti processwali in kwistjoni, li kemm il-proceduri per se kif ukoll minn qari tal-imsemmija Digriet Kamerali tal-21 ta` Lulju, 2016, il-Qorti koncernata mexxiet l-imsemmija proceduri b`mod ragjonevoli u skont id-dettami tal-gustizzja. Illi ghaldaqstant ir-rimedju kif mitlub fir-Rikors Promotur, inkluz l-assenjazzjoni tal-kawza lil Imhallef iehor, certament mhux gustifikat, in kwantu tali mizura twaqqaf l-andament normali ta` kawza u twaqqaf l-ispeditezza li tesigi l-*

[1] QK *J.E.M. Investments Limited v. Avukat Generali et* [30.09.2011]

*gustizzja biex kull kawza jinqata fi zmien ragjonevoli u dan `jista` biss iwassal ghal kroll totali tas-sistema tal-gustizzja taghna li hija gia` mghobbija b`diversi diffikultajiet li mhux il-kompitu ta` din il-Qorti li tidhol fihom f`din is-sentenza`;* [2]

*Illi finalment, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li gew lezi xi drittijiet tar-rikorrenti, haga li l-esponent qed jikkontesta, fic-cirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta` ksur ghandha tkun sufficjenti;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant l-esponent, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur bhala infondati fil-fatt u fi-dritt stante li c-cirkostanzi tal-kaz ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja; bl-ispejjez kontra taghha.*

**Rat ir-risposta ta` Joseph Camilleri prezentata fis-<u>7 ta` Ottubru 2016</u> li taqra hekk :–**

*1. Illi preliminarjament jinghad illi l-esponent m`huwiex il-legittimu kontradittur u dana stante li huwa qatt ma jista` jirrispondi u/jew jinsab responsabbli ghal-lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dwar il-mertu jinghad illi t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex fondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirrizulta mis-smiegh u trattazzjoni tal-kawza;*

*3. Illi r-rikorrenti qieghda sfaccatament tittanta tabbuza minn dawn il-proceduri straordinarji u solenni u tuza` l-istess bhala forma t`appell minn diversi digrieti li inghataw mill-Qorti tal-Familja;*

*4. Illi jinghad illi r-rikorrenti qed tipprova tqarraq u tizvijja lil din l-Onorabbli Qorti fid-dikjarazzjoni tal-fatti li ssottomettiet quddiem l-istess. Effettivament dak li gara huwa li l-esponent*

---

[2] ***Dottor Alfred Mifsud vs. Onorevoli Prim` Ministru et,*** Q.K. [20.07.1994]; ***Onorevoli Imhallef Dr Anton Depasquale v Avukat Generali*** [01.06. 2001]

*intavola zewg rikorsi, l-ewwel wiehed tat-22 ta` Gunju 2016 fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex ikun jista` jsiefer mal-minuri ibnu, u l-iehor tal-4 ta` Lulju 2016, fejn bhal kif jaghmel kull sena talab li jizdied l-access tieghu ghall-ibnu fix-xhur tas-Sajf;*

*5. Illi bhalma jigri prattikament dejjem u kif ormai huwa ben evidenti mill-inkartament voluminuz tal-kawza bin-numru 302/12AL, Nadia Vella ma bdietx tigi notifikata u dan minkejja diversi tentattivi ta` notifika, inkluz fuq il-post tax-xoghol taghha gewwa St Martin`s College fejn hija tahdem bhala ghalliema, qabel spiccat is-sena akkademika u l-ghalliema kienu qed jikkoregu l-karti tal-ezamijiet, waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali Dr Gabrielle Buttigieg u anke waqt is-seduti tal-Qorti tal-Magistrati (Bhala Gudikatura Kriminali) quddiem l-Onor Magistrat Mifsud;*

*6. Illi jinghad li l-intimata kien ben taf b`dawn iz-zewg rikorsi, tant li kienet spiss iccempel fir-registru tal-Qorti tal-Familja biex ticcekja dwar in-notifiki u anke naqqset milli tidher quddiem il-Magistrat Joseph Mifsud minkejja li kienet innotifikata (tant li l-istess Magistrat sabha anke hatja ta` disprezz u ghal darb`ohra immultaha!). Dan kollu sar biex tahrab min-notifika tar-rikorsi intavolati mill-esponent;*

*7. Illi stante li z-zmien beda jaghfas u l-esponent kien qed jiccahhad ghal darb`ohra minn ibnu u l-vaganza li kellu ppjanta u anke mhallsa kienet qed toqrob, l-esponent intavola rikors iehor quddiem il-Qorti tal-Familja nhar l-20 ta` Lulju 2016 fejn talabha sabiex tghaddi biex tiddegreta z-zewg rikorsi intavolati minnu fit-22 ta` Gunju 2016 u fl-4 ta` Lulju 2016 bid-dispensa tan-notifika tal-intimata u f`kaz li ma tilqax l-ewwel talba, tawtorizzah jinnotifika lill-avukat ta` Nadia Vella;*

*8. Illi b`digriet tal-21 ta` Lulju 2016, l-Onorabbli Qorti tal-Familja, anke fl-isfond ta` dak kollu li gara u li wettqet l-intimata f`erba` snin, laqghet it-talba tal-esponent u ghaddiet biex tiddegreta z-zewg rikorsi tieghu fuq imsemmija. Jinghad li tali digriet intbaghat lill-Avukati tal-Partijiet permezz tal-email nhar il-25 ta` Lulju 2016;*

*9. Illi Nadia Vella li tant kienet taf x`qed jigri u tant kienet qed tahrab in-notifika, propju nhar il-25 ta` Lulju 2016, hija anke ghaddiet biex tipprezenta r-risposti taghha ghaz-zewg rikorsi intavolati mill-esponent u dan minkejja li hija baqghet qatt ma giet*

*formalment innotifikata bl-istess u dan nonostante dak li qed ttenn fir-rikors kostituzzjonali taghha!*

*10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b`zieda mal-istess, jinghad illi fir-rigward tal-lezjoni li qed tilmenta minnha r-rikorrenti, jinghad illi l-Qorti tal-Familja dejjem agixxiet fl-ahjar interess tal-minuri u fuq kollox skont dak li rrakkomandaw l-esperti mqabbda minnha. Issir referenza, fost ohra, ghall-kawza fl-ismijiet* ***Carmelo Mizzi v Mary sive Moira Mizzi*** *deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Familja, nhar it-30 ta` Gunju 2015, fejn gie mtenni illi "Rilevanti dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Ingliz f`sentenza fl-ismijiet "Newham London Borough vs AG li kienet qed titratta l-ligi bl-isem The Children Act 1988: "Of course, the words of the statute must be considered, but I do not believe that Parliament intended them to be unduly restrictive when the evidence clearly indicates that a certain course should be taken in order to protect the child[3]."*

*11. Illi ghalhekk u tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, l-esponent jopponi ghat-talbiet kollha mressqa minn Nadia Vella fir-rikors taghha tal-11 t`Awwissu 2016;*

*12. Illi finalment l-esponent jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;*

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw l-intimati.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li saru mid-difensuri tal-partijiet kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza

[3] [1993] 1 FLR 281 at 289, CA.

## II. **Provi**

### 1. **Xhieda**

**Nadia Vella** xehdet illi binha u iben Joseph Camilleri ("**Camilleri**") jismu Eric ghandu ghaxar snin u nofs. Xtaq li matul x-xhur tas-sajf jattendi Summer School tal-football. Ghalkemm kemm hi kif ukoll Eric nfurmaw lill-missier dwar dan, huwa baqa` ma tahomx risposta. Hi applikat xorta biex it-tifel ikun jista` jattendi ghal din l-iskola tas-sajf. Ipprezentat rikors fil-Qorti fejn talbet sabiex jigi varjat l-access lill-missier minhabba din r-raguni.

Stqarret illi qatt ma rnexxielha tinnotifika lil Camilleri bir-rikors. Ghalhekk ir-rikors baqa` mhux dekretat. Fil-frattemp Camilleri pprezenta zewg rikorsi. Ipprova jinnotifika lilha fl-Iskola ta` St Martin`s, Malta, f`nofs Lulju. Naturalment ma sabuhiex ghax kien iz-zmien tal-vaganzi tal-iskola. Imbaghad giet notifikata fit-21 ta` Lulju 2016 waqt li kienet qed tghallem l-Akkademja f`Ghawdex. Ghal dan r-rikors ipprezentat risposta fil-25 ta` Lulju 2016. Fil-frattemp, fil-20 ta` Lulju 2016, l-intimat kien ipprezenta rikors bl-urgenza, biex il-Qorti taghti digriet minghajr r-risposta taghha. Fil-fatt il-Qorti laqghet it-talba ta` Camilleri sabiex Eric isiefer mieghu. Kien ukoll milqugha t-talba tieghu sabiex matul ix-xhur tas-sajf it-tifel jaghmel gimgha Malta u gimgha Ghawdex.

Xehdet illi kienet ipprezentat risposta ghaz-zewg rikorsi ghaliex ma kenitx taf li kienu diga` gew ddegretati. Ghalhekk it-tifel mat-tielet gimgha kellu jaghmel gimgha shiha ma` missieru. It-tifel kien anke harab mill-apartament ta` missieru bil-lejl u mar jigri d-dar taghha x-Xewkija, fejn kienet. It-tifel kien ghamel gimgha hemm maghha bil-marixxali gejjin u sejrin biex jippruvaw jiehduh sakemm kien hemm digriet iehor li l-marixxali kellhom jiehdu lit-tifel bil-forza.

Qalet illi fil-11 ta` Awissu 2016, ipprezentat rikors fejn talbet sabiex l-imhallef tastjeni milli tkompli tisma` l-kawza ghaliex i) kienet cahditilha d-dritt li tirrispondi u ii) ma kienetx rat l-ahjar interessi tat-tifel. Ix-xhur tas-sajf kienu rovinati ghat-tifel ghaliex dan kellu jibqa` d-dar mal-partner ta` missieru ma jaghmel xejn.

Mistoqsija mill-Qorti jekk qattx kien hemm smigh tar-rikors, wiegbet illi qatt ma kien hemm smigh u kollox kien isir bl-atti. It-tifel qatt ma nstema hlief mill-Avukat tat-Tfal.

**Fil-kontroezami**, xehdet illi fis-sajf tal-2016, kienet tat *extra lessons* lil studenti. Kienet taghti lezzjonijiet fl-Akkademja Ghawdex, li hija skola privata.  Dan kien isir fil-*weekend* meta t-tifel kien ikun mal-missier. Mistoqsija allura kif gara li giet notifikata fil-21 ta` Lulju 2016, wiegbet illi l-21 ta` Lulju 2016, kien l-Gimgha. Qalet illi kultant hi tmur l-Akkademja, biex tara kif ghaddejin l-affarijiet. L-Akkademja tinsab Ghajnsielem, u hi ghandha dar x-Xewkija.

Stqarret li baghtet tibghat hafna messaggi lil Camilleri dwar il-fatt li t-tifel ried jibda jmur ghal football matul x-xhur tas-sajf. Il-komunikazzjonijiet kienu jsiru bil-messaggi biss ghaliex tibza` tkellmu. Il-kors tal-football kien privat, u kien isir fil-Junior College l-Msida.

Mistoqsija jekk kienx hemm drabi ohra fejn applikat ghal xi haga minghajr il-firma tal-missier, bhalma meta dahhlet lil Eric fi skola Malta, wiegbet illi meta Eric dahal St. Edwards College, il-Qorti tal-Familja kienet tatha permess, minghajr l-firma tal-missier.

Mistoqsija meta kienet l-ahhar gurnata li marret St Martin`s fis-sajf 2016, irrispondiet li dan kien fit-28 ta` Gunju. Rinfaccjata bl-attendance log li kien prezentat mis-Surmast tal-Iskola, xehdet illi jekk fid-dokument kien hemm miktub li marret hemm sal-4 ta` Lulju allura hekk huwa l-kaz ghaliex huwa jiffirmaw ghall-attendenza.

Stqarret li kull darba li kienet l-iskola u mar il-marixxal b`att tal-qorti ghaliha, dejjem accettat l-att. Meta n-notifika ssir bil-posta registrata, issib l-att fil-*pigeon hole* taghha fl-iskola, ghaliex r-*receptionist* tiffirma ghall-posta registrata li tasal.

Xehdet illi meta kien notifikata l-Akkademja, Ghawdex, il-marixxal kien Paul Debrincat. Fil-fatt ikkomunikatr mal-avukat sabiex iwiegeb ghar-rikors.

Fissret illi l-indirizz tal-Akademja huwa "The Academy", Garr Road, Ghajnsielem.  Hemm tahdem bhala ghalliema, imma jekk

jinqala` l-bzonn tmur tghin ukoll. L-aktar li tkun hemm huwa matul s-Sajf. Fit-Xitwa, tkun hemm is-Sibt. Tattendi xi darbtejn jew tlieta fil-gimgha, imma l-granet ivarjaw minn stagun ghal iehor. Hija tmexxi l-iskola flmkien mal-partner taghha Christopher Craven. F`din l-Akkademja, minbarra hi u Craven, kienu jahdmu wkoll Rodianne Grech u Rebecca Muscat. Il-marixxal Debrincat ikkonsenbja r-rikors lilha personalment.

**Joseph Camilleri** xehed illi wara li l-kuntratt tas-separazzjoni mir-rikorrenti ("**Vella**") huwa kellu jerga` jaghmel kawza kontra taghha minhabba l-access ghat-tifel taghhom Eric bhala konsegwenza tal-fatt li Vella bdiet tirrisjedi Malta (mhux Ghawdex) u l-access li kellu bil-kuntratt inqata` ghal kollox. Mill-bidu nett Vella bdiet tkun difficli. Ma kenitx tattendi s-seduti ta` l-medjazzjoni bil-konsegwenza li kien ikollu jinkorri spejjez kbar sabiex ikun jista` jinnotifikaha bir-rikorsi li kien jipprezenta.

Stqarr illi fl-2016, qabel ma ntemmet s-sena skolastika, talab lill-avukat tieghu sabiex jigi pprezentat rikors ghaliex ried jaghmel safra mal-familja tieghu u ried jiehu lil Eric ukoll. Ir-rikors sar fit-22 ta` Gunju u iehor dwar l-access sar fil-4 ta` Lulju. Peress li l-iskola ma kenitx ghadha spiccat, innotifika lir-rikorrenti l-iskola fejn kienet tghallem, u r-riferta giet lura negattiva. Minhabba l-fatt li qatt ma kien jirnexxilu jinnotifika lil Vella d-dar taghha, kien ipprova jinnotifikaha quddiem il-perit legali Dr. Gabrielle Buttigieg u quddiem il-Magistrat Joseph Mifsud, izda anke f`dawn l-okkazjonijiet, l-esitu kien negattiv.

Kompla jixhed illi kien ghalhekk illi lejn l-ahhar ta` Lulju 2016, ghamel rikors fejn talab lill-Qorti biex taghti digriet minghajr notifika tar-rikorrenti jew inkella li jkun awtorizzat jinnotifka lill-avukat tar-rikorrenti. Il-qorti laqghet it-talba sabiex ma jkunx hemm notifika u kienet awtorizzat li jsiefer flimkien mat-tifel. Dwar l-access il-qorti hadet decizjoni li Eric ikun gimgha mieghu u gimgha le.

Stqarr illi huwa cert li ghalkemm ma kenitx notifikata, ir-rikorrenti kienet taf bir-rikors tieghu.

**P.L. Eunice Fiorini** ghad-Direttur – Qrati Civili u Tribunali - xehdet dwar in-notifiki ghar-rikorsi li pprezenta Camilleri.

**Anthony Abela,** Senior Leader tas-6th Form ta` St. Martin`s College, xehed illi l-ahhar gurnata tal-iskola kienet l-4 ta` Lulju 2016. Huwa jaf lir-rikorrenti peress li tghallem il-Pure Mathematics fil-Kullegg. L-ahhar gurnata meta jkun hemm l-istudenti hija t-28 ta` Gunju. L-ghalliema jibqghu l-iskola ghal madwar tlieta jew erbat ijiem ohra wara dik id-data. Ikkonferma li r-rikorrenti kienet l-iskola sal-4 ta` Lulju 2016. Dik is-sena kienet ukoll l-iskola fil-25 ta` Lulju, 28 ta` Lulju, 1 ta` Awissu u l-4 ta` Awissu. Ikkonferma wkoll li meta tasal l-iskola posta registrata ghal xi ghalliem, din tkun accettata u tiffirma ghaliha mir-receptionist tal-iskola.

## 2. Ir-rikorsi

### a) Ir-rikors tal-20 ta` Gunju 2016

Dan kien prezentat mir-rikorrenti.

Fissret illi Eric kien se jattendi *summer school* tal-*football* erba`darbiet fil-gimgha, u li nhar ta` Tlieta u nhar ta` Hamis, bejn is-6.00 pm u s-7.30 pm kien se jkompli bit-tahrig mal-Melita Football Club. Sa dakinhar l-access tal-missier kien nhar ta` Tlieta u nhar ta` Hamis mill-4.00 pm sat-8.00 pm, u fil-*weekends* l-access kien jalterna jew nhar ta` Hadd mill-10.30 am sas-6.00 pm jew is-Sibt mill-10.30 am sal-Hadd fl-10.30 am. Ghal dan l-access, ir-rikorrenti kienet kull darba titla` u tinsel bit-tifel.biss li kull darba kellha titla u tinzel Ghawdex.

Ghalhekk ir-rikorrenti talbet illi l-access jigi vvarjat fis-sens li gimgha minnhom ikun mill-Gimgha fis-1.00 pm sal-Hadd f`nofsinhar, u l-gimgha ta` wara jkun mill-Gimgha fis-1.00 pm sas-Sibt fis-6.00 pm. Talbet ukoll li Camilleri jigbor lit-tifel mill-Junior College u r-rikorrenti tigbru meta jispicca l-access. B`din il-varjazzjoni Eric ikun jista` jgawdi d-delizzju tieghu tal-*football.*

Wara li rat ir-rikors, il-Qorti ordnat n-notifika tal-missier b`hamest ijiem ghal risposta.

Kif jidher mir-riferta a tergo fol 46, l-ewwel tentattiv sar fil-15 ta` Lulju 2016, u l-att kien *unclaimed.*

**b) <u>Ir-rikors tat-22 ta` Gunju 2016</u>**

Kien prezentat minn Camilleri.

Talab lill-Qorti awtorizzazzjoni sabiex i) japplika ghal passaport ghal Eric ; ii) isiefer ma` Eric bejn il-31 ta` Awissu 2016 sas-7 ta` Settembru 2016, dan flimkien mal-partner tieghu, bintha u binhom Jake u iii) tordna li hu ghandu jigbor lil Eric fit-30 ta` Awissu 2016 mid-dar li Vella ghandha Ghawdex u li hija terga` tigbru minn Ghawdex fit-8 ta` Settembru 2016.

Wara li rat ir-rikors, il-Qorti ordnat n-notifika tar-rikorrenti b`hamest ijiem zmien ghal risposta.

Kif jidher mill-folder a fol 63 tal-process, in-notifika kellha ssir fis-6 ta` Lulju 2016 quddiem Dr. Gabrielle Buttigieg. Jidher li l-marixxal ma sabx lil Nadia Vella.

**c) <u>Ir-rikors tal-20 ta` Lulju 2016</u>**

Camilleri pprezenta rikors b`urgenza.

Ippremetta illi Nadia Vella kienet qed tahrab min-notifika "*tant illi hija mhux biss mhux tinstab imkien, izda hija naqqset milli tattendi quddiem l-Perit Legali Dr. Gabrielle Buttigieg u anke quddiem l-Onor Magistrat Joseph Mifsud fid-19 ta` Lulju 2016 …*"

Ghalhekk talab lill-Qorti sabiex i) tghaddi biex tiddekreta z-zewg rikorsi ntavolati minnu fit-22 ta` Gunju 2016 u 4 ta` Lulju 2016 bid-dispensa tan-notifika u ii) f`kaz li ma tintlaqax l-ewwel talba tawtorizza li n-notifika ssir lill-avukat ta` Nadia Vella.

Wara rat ir-rikors, il-Qorti tat digriet fil-21 ta` Lulju 2016, fejn inghad : "*Tilqa` l-ewwel talba u dan peress illi l-intimata tul il-kors kollu ta` dawn il-proceduri, sfidat l-ordnijiet tal-Qorti b`mod ripetut u konsistenti u ghamlet minn kollox biex tostakola l-access tal-missier ghal ibnu u dan b`detriment kbir ghall-istess minuri. Din t-talba ghalhekk qeghda tigi milqugha fl-interess suprem tal-minuri.*"

Fl-istess jum tal-21 ta` Lulju 2016, il-Qorti pprovdiet illi wara li rat ir-rikors tal-missier tat-22 ta` Gunju 2016, u dak tal-20 ta` Lulju 2016, laqghet it-talbiet kollha ta` Camilleri.

**d) <u>Ir-risposta tal-25 ta` Lulju 2016</u>**

Nadia Vella pprezentat risposta ghar-rikors li kien ghamel l-intimat fil-22 ta` Gunju 2016.

Fir-risposta wiegbet illi i) fil-principju ma kellhiex oggezzjoni li t-tifel isiefer ma` missieru, izda ma kellux ikun espost ghall-partner tieghu ; ii) li l-minuri ma riedx isiefer ma` missieru ; iii) li minhabba din s-safra t-tifel kien se jitlef *football training*. Fil-kaz li t-talba ta` Camilleri tkun milqugha kellhom jigu mposti kondizzjonijiet i) li hija m`ghandhiex twassal lit-tifel u terga` tmur ghaliha Ghawdex, izda kellu jkun Camilleri li meta jkun Malta sabiex imur l-ajruport ighaddi ghat-tifel, imbaghad jerga` jhallih Malta meta jigi lura ; ii) li l-passport ghandu jinghata lura lilha meta tintemm is-safra, kif huwa previst fil-kuntratt ta` separazzjoni u iii) li Camilleri ghandu jaghti d-dettalji kollha tas-safra.

Il-Qorti tat digriet fis-26 ta` Lulju 2016 fejn qalet – " *Tirrileva illi r-rikors gie dekretat mill-Qorti permezz ta` digriet datat 21 ta` Lulju 2016."*

**e) <u>Ir-rikors tal-4 ta` Lulju 2016</u>**

Dan kien rikors b`urgenza pprezentat minn Camilleri.

Talab lill-Qorti sabiex i) jigi ordnat b`effett immedjat li Eric jibda jabita mieghu, b`access supervizjonat ghal ommu ; ii) l-minuri jittiehed immedjatament mir-rikorrenti; iii) jigi mahtur psikjatra u/jew psikologu biex jirrelata jekk Nadia Vella ghandhiex ikollha l-kustodja ; iv) u v) bdil fil-access ta` Eric jekk ma tintlaqax l-ewwel talba.

Il-Qorti ordnat n-notifika lir-rikorrenti bi zmien hamest ijiem ghar-risposta.

Fil-21 ta` Lulju 2016, il-Qorti tat dikriet dwar dan ir-rikors billi laqghet r-raba` talba.

Ir-rikorrenti pprezentat risposta ghar-rikors fil-25 ta` Lulju 2016. Kif jidher mir-riferta tal-marixxal ir-rikorrenti kienet notifikata fil-21 ta` Lulju 2016, jigifieri il-jum stess li l-Qorti tat d-digriet taghha.

Wara li hadet konjizzjoni tar-risposta, fis-26 ta` Lulju 2016, il-Qorti tat digriet fejn qalet illi - *"Tirrileva illi l-Qorti diga ddekretat r-rikors permezz ta` digriet datat 21 ta` Lulju 2016."*

**f)** **<u>Ir-rikors tal-11 ta` Awissu 2016</u>**

Ir-rikorrenti pprezentat rikors fejn talbet lill-Imhallef sedenti fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tirrikuza ruhha jew tastjeni milli tkompli l-kawza.

Il-Qorti ordnat n-notifika lil Camilleri b`hamest ijiem zmien biex iwiegeb.

Camilleri kien notifikat fit-30 ta` Settembru 2016 u rrisponda fit-3 ta` Ottobru 2016.

Fl-4 ta` Ottubru 2016, il-Qorti tat digriet fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti.

**III.** **<u>Sottomissjonijiet</u>**

**1.** **<u>Bil-miktub</u>**

**i)** **<u>L-Avukat Generali</u>**

Ibda biex l-Avukat Generali jaghmel il-premess li huwa kien imharrek fil-kawza mhux ghaliex l-ilment tar-rikorrenti skatta

minhabba xi nuqqas da parti tieghu jew tal-ufficcju tieghu izda ghaliex skont il-gurisprudenza tal-qrati taghna, huwa meqjus bhala legittimu kontradittur billi l-qrati huma kolonna tal-Istat demokratiku.

Dwar l-eccezzjoni li din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat moghtija lilha bil-proviso tal-Art 4(2) tal-Kap 319, jissottometti li r-rikorrenti ghandha rimedji tajba u effettivi bizzejjed skont il-ligi ordinarja sabiex jitharsu d-drittijiet taghha.

Skont l-Avukat Generali, kull ma kellha taghmel ir-rikorrenti sabiex twaqqa` d-digrieti li tat il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kien illi jew i) titlob revoka taghhom ai termini tal-Art 56(4) tal-Kodici Civili u l-Art 230 tal-Kap 12 jew ii) titlob li permess li jsir appell ai termini tal-Art 229(3) tal-Kap 12 jew iii) li tipprezenta azzjoni *ad hoc.* Jidher li r-rikorrenti qatt ma ppruvat tirrikorri ghal wiehed minn dawn r-rimedji. Jidher li r-rikorrenti ghad ghandha l-opportunita` titlob lill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex titbieghed minn dawn d-digrieti.

Ikompli jinghad mill-Avukat Generali illi jekk il-Qorti tibqa` tal-istess fehma hemm allura r-rikorrenti tista` tappella skont l-Art 229(3) tal-Kap 12 (ara : **Teddy sive Jude Taddeo Refalo et vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta` Marzu 2007).

Dwar ir-rimedju li r-rikorrenti tipprezenta kawza ad hoc saret riferenza ghad-decizjonijiet li gejjin : **Stacey Spiteri u Samir Fathy Gayed Eskander vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` April 2012 ; **Claudine Desira et vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta` Novembru 2012 ; u **David Anthony Pollina vs L-Avukat Generali et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-1 ta` Dicembru 2015.

**Kwistjoni ohra sollevata mill-Avukat Generali kienet illi ladarba d-digrieti in kwistjoni kienu cirkoskritti ghal btala li "giet u marret", il-kwistjoni kellha titqies bhala maghluqa.**

L-Avukat Generali jikkummenta wkoll illi ladarba li l-kawza li ghad qed tinstema`, allura ghad trid tinghata sentenza finali dwar l-access ghall-minuri.

L-Avukat Generali jirreferi ghal decizjonijiet fejn il-qrati taghna ghazlu li ma jezercitawx is-setghat kostituzzjonali u/jew konvenzjonali taghhom fil-kaz ta` lmenti li kienu jirrigwardaw digrieti relatati mas-setghat u drittijiet tal-genituri (ara : **Anthony Xuereb vs Helen Milligan** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta` Settembru 2010 ; **Michael Baldacchino pro et noe vs L-Avukat Generali** deciza mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta` Gunju 2015 ; u **Nardu Balzan Imqareb vs Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-18 ta` Mejju 2006).

Dwar l-ilment tar-rikorrenti relatat mal-Art 6 tal-Konvenzjoni, l-Avukat Generali jissottometti li ma jarax kif d-digrieti tal-21 ta` Lulju 2016 setghu ppregudikaw d-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrenti ; lanqas b`dak ta` Awissu 2016 fejn il-missier kien awtorizzat isiefer ma` ibnu.

L-Avukat Generali jaccetta li l-Qorti tal-Familja laqghet r-rikors ta` Camilleri, qabel wiegbet ir-rikorrenti, izda b`daqshekk ghal Avukat Generali ma jfissirx li kien hemm ksur tad-dritt taghha ghal smigh xieraq.

Ma jirrizultax li kien ippregudikat il-prosegwiment tal-kawza.

Skont l-Avukat Generali, ma kien hemm l-ebda raguni tajba fil-fatt u fid-dritt ghaliex il-qorti tal-Familja kellha ghalfejn ittellef safra lill-minuri.

Jishaq illi fl-ahhar mill-ahhar ir-rikorrenti xorta nghatat l-opportunita` li tirrispondi ghar-rikors ta` Camilleri.

**Fil-mertu**, l-Avukat Generali esprima ruhu fis-sens illi d-digriet in kwistjoni ma jaghalqx b`mod definittiv l-kwistjoni dwar l-access tat-tifel matul ix-xhur tas-sajf. Ghalhekk billi d-digriet kien biss provvizorju, l-Avukat Generali huwa tal-fehma li kien prematur da parti tar-rikorrenti li tilmenta dwar il-ksur tad-dritt taghha ghal

smigh xieraq. Sabiex ikun determinat jekk kienx hemm vjolazzjoni ta` dan d-dritt jew le, wiehed m`ghandux jieqaf ghal episodju procedurali wiehed biss izda irid jara l-process kollu kemm hu (ara **Gregorio sive Godwin Scicluna vs Avukat Generali et** deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta` Ottubru 2003 ; u **Martin Dimech vs Malta** deciza mill-ECtHR fit-2 ta` April 2015). Fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali kien michud ilment kostituzzjonali proprju ghaliex l-process kriminali kien ghadu pendent (**The Police vs Austin Eche et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta` Ottobru 2018).

Ikompli jinghad mill-Avukat Generai li huma minnu li hemm cirkostanzi specjali fejn decizjonijiet jew digrieti ta` natura provvizorja jistghu jaqghu that il-lenti tal-Art 6 tal-Konvenzjoni, ghaliex episodju jew cirkostanza jkunu ta` serjeta jew gravita` daqshekk qawwija li tista` twassal ghal ksur tal-jedd ghal smigh xieraq. Imma dawn huma l-eccezzjoni u mhux r-regola [ara – **Micallef vs Malta** deciza mill-Grand Chamber tal-ECtHR fil-15 ta` Ottobru 2009 ; **Perit Daniel Micallef et noe vs L-Avukat Generali et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-13 ta` April 2016].

Dwar l-ilment tar-rikorrenti relatat ma` l-indipendenza u l-imparzjalit`a tal-Imhallef, l-Avukat Generali jirrileva li jekk digrieti provvizorji ma joghgbux parti, ma jfissirx li jkun qed issir xi preferenza jew xi att ostili lejn parti jew ohra. Kull imhallef ghandu dritt u l-obbligu li jasal ghal konkluzjonijiet tieghu (ara : **Andrew Ellul Sullivan et vs Kummissarju tal-Pulizija et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta` Gunju 2008 ; u **Joseph Portelli vs Pulizija (Spettur Mallia) et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-10 ta` Novembru 2008).

**ii) Joseph Camilleri**

Jikkontendi li mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti ghaliex huwa ma jista` qatt jirrispondi jew jinsab responsablli ghal lezjoni ta` dritt fondamentali taghha.

Jirreferi ghar-risposta tieghu u jghid li r-rikorrenti qeghda tittanta tabbuza bi procediment straordinarju bhal ma huwa dan sabiex tipprova taghmel appell mid-digrieti in kwistjoni.

Isostni li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) agixxiet fl-ahjar interess ta` binhom, u fuq kollox skont dak li rrakkomandaw l-esperti li qabdet il-qorti [ara : **<u>Carmelo Mizzi vs Mary sive Moira Mizzi</u>** deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta` Gunju 2015]

Dwar in-notifiki, u dwar dak li xehdet ir-rikorrenti fir-rigward, jirreferi ghax-xiehda ta` Anthony Abela, partikolarment fejn dan stqarr illi ghalkemm is-sena skolastika ta` St Martin`s College tispicca fit-28 ta` Gunju, ikun hemm tlieta jew erbat ijiem wara, fejn l-ghalliema jibqghu jmorru l-iskola ghal laqghat jew ghal korrezzjonijiet tal-ezamijiet. .

Jirrimarka li r-rikorrenti naqset li tressaq bhala xhud lill-marixxal li ghamel in-notifiki Ghawdex. Qal illi r-rikorrenti fl-ahhar giet notifikata fl-Academy Ghajnsielem, meta hadd ma hallas jew indika dak il-post ghall-fini ta` notifika.

## 2. <u>Bil-fomm</u>

### i) <u>Ir-rikorrenti</u>

L-ilment huwa dak ta` vjolazzjoni tal-Art 6 tal-Konvenzjoni meta l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat digriet fejn irrimarkat illi "*l-intimata tul l-kors kollhu ta` dawn l-proceduri sfidat l-ordnijiet tal-Qorti b`mod ripetut u konsistenti, u ghamlet minn kollox biex tostakola l-access tal-missier ghal ibnu u dan b`detriment kbir ghall-istess minuri.*"

Dwar ir-rikorsi li pprezenta Camilleri osservat illi l-ewwel wiehed fejn talab li jkun awtorizzat isiefer bit-tifel, ma kienx daqstant serju, izda it-tieni rikors kien serju hafna. Ghal dak ir-rikors hija kellha kull dritt li tirrispondi. Fil-fatt l-ghada li kienet notifikata pprezentat risposta. Gara izda li l-Qorti kienet diga` tat digriet l-gurnata ta` qabel, u wara li rat r-risposta taghha, kemm ikkonfermat id-digriet precedenti taghha. Ghalhekk tirrileva li fis-sostanza kienet imcahhda mid-dritt stess li tatha l-Qorti li tirrispondi ghar-rikors.

Sostniet li l-Imhallef sedenti fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) uriet ostilita` tali fil-konfront taghha li turi ksur tal-jedd taghha ghal smigh xieraq.

**ii) <u>Joseph Camilleri</u>**

Irrileva li r-rikorrenti hadet il-ligi f`idejha, taghmel li trid, u topponi kull rikors li jipprezenta.

**iii) <u>L-Avukat Generali</u>**

Dwar l-ewwel rikors ta` Camilleri, l-Avukat Generali jirrileva li kien hemm z-zmien kollu sabiex ir-rikorrenti titlob ir-revoka *contrario imperio* – izda dan m`ghamlitux.

Dwar t-tieni r-rikors, jissottometti li l-ewwel talba li saret minn Camilleri sabiex it-tifel jibda jghix mieghu b`access supervizjonat ghar-rikorrenti ma kienx milqugh mill-Qorti. Irriservat li tipprovdi ulterjorment. Ghalhekk ir-rikorrenti ma garrbet ebda pregudizzju.

It-tieni talba tat-tieni rikors kienet sabiex Eric jittiehed minghand ir-rikorrenti, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta` ufficjal tal-Qorti jew ta` l-Pulizija. Anke f`dan il-kaz il-Qorti rrizervat li tipprovdi ulterjorment. Lanqas hawn ir-rikorrenti ma garrbet pregudizzju.

Anke dwar it-talba sabiex jinhatar psikjatra jew psikologu biex jezamina lir-rikorrenti halli jistabilixxi jekk ir-rikorrenti ghandhiex tithalla bil-kura u kustodja ta` Eric, il-Qorti rrizervat li tipprovdi `l quddiem. Lanqas f`dan il-kaz ir-rikorrenti ma garrbet pregudizzju.

L-uniku talba li kienet milqugha kienet dik sabiex matul ix-xhur tas-sajf l-access ta` Camilleri ikun gimgha alternata. Anke b`din ir-rikorrenti ma sofrietx pregudizzju ghaliex kienet limitata ghas-sajf.

Dwar l-uzu tal-kliem, l-Avukat Generali rrileva li ghalkemm il-kliem kien iebes, ma jfissirx li kien hemm bias.

## IV. Konsiderazzjonijiet

### 1. L-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` April 2012 fil-kawza **Stacey Spiteri et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, fejn kienu delineati l-principji li ghandhom jirregolaw eccezzjoni ta` din ix-xorta. Inghad hekk :-

*10. Il-principji applikabbli meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrenti ghandhomx jew kellhomx ghad-dispozizzjoni taghhom rimedju ordinarju alternattiv u effettiv gew delineati minn din il-Qorti f`diversi sentenzi taghha u li anke l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghalihom. Dan l-insenjament gie migbur b`mod komprensiv fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta` Jannar 2006 fl-ismijiet* ***Olena Tetyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs.***

*11. Fost ohrajn insibu dawn :*

*L-ezistenza tar-rimedju l-iehor ghandha tirrizulta bhala stat ta` fatt attwali u objettiv ;*

*Ir-rimedju jrid ikun accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat ;*

*Biex ir-rimedju jitqies effettiv m`hemmx ghalfejn li jintwera li r-rimedju se jaghti lir-rikorrent success garantit, imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista` jigi segwit b`mod prattiku, effettiv u effikaci ;*

*Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f`dan ir-rigward trid titwettaq b`mod korrett u fl-ahjar interess tal- amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex min-naha wahda, il- Qrati ta` indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b`kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati*

*ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ;*

*In-nuqqas wahdu ta` tehid ta` mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta` xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma` l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent*

*Izda meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar- rimedju kostituzzjonali.*

Din il-Qorti taghmel taghha dawn l-insenjamenti.

L-Avukat Generali jsostni li r-rikorrenti minflok ipprezentat din il-kawza kellha ghad-disposizzjoni taghha rimedji ordinarji fejn tindirizza l-ilment taghha.

Skont l-Avukat Generali, ir-rikorrenti setghet jew i) titlob ir-revoka tar-rikorsi ai termini tal-Art 56(4) tal-Kap 16 jew l-Art 230 tal-Kap 12, jew ii) titlob li jsir appell minnhom skont l-Art 229(3) jtal-Kap 12 jew iii) tiftah kawza ad hoc.

Tajjeb jinghad illi l-ewwel rikors, jigifieri dak tat-22 ta` Gunju 2016, kien jirrigwarda talba ghal awtorizzazzjoni da parti tal-intimat sabiex isiefer mal-minuri. Fit-tieni rikors, jigifieri dak datat 4 ta` Ljlju 2016, l-intimat talab bdil fl-access u sabiex l-minuri jittiehed minghand r-rikorrenti sabiex jibda jghix mieghu.

**<u>L-Art 56(4) tal-Kap 16</u>** ighid :-

*Il-qorti tista`, f`kull zmien, tirrevoka jew tibdel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.*

Id-disposizzjoni tirrigwarda l-hsieb tal-ulied wara l-firda u ghalhekk ma japplikax fil-kaz tar-rikors tat-22 ta` Gunju 2016.

Tapplika ghar-rikors tal-4 ta` Lulju 2016, fis-sens illi kien propju a bazi ta` dak l-artikolu illi l-intimat kien qed jitlob sabiex jinbidel l-access tal-minuri.

Min-naha l-ohra l-**<u>Art 229(3) tal-Kap 12</u>** ighid :–

*Hlief kif provdut spec□ifikatament mod iehor f`dan il- Kodic□i, appell minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz□ fis-subartikoli (1) u (2) jista` jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-kaz□ taghti permess spec□jali sabiex dan isir, liema permess ghandu jintalab b`rikors li jig□i prez□entat fi z□mien ghaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuh fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semghet lill-partijiet, tista` tilqa` li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun ahjar u g□ust li l- kwistjoni ting□ieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tinghata s- sentenza definittiva u t-terminu biex jig□i prez□entat tali appell ghandu jibda jghaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqghet li jsir dak l-appell.*

Lanqas din id-disposizzjoni ma tapplika ghaliex id-digrieti li nghataw mill-Ewwel Qorti ma nghatawx fil-miftuh, izda *in camera.*

Tajjeb li jinghad ukoll illi l-ilment tar-rikorrenti huwa li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq billi l-Ewwel Qorti tat digrieti minghajr ma kienet giet notifikata u ghalhekk minghajr ma kellha l-opportunita li tipprezenta r-risposta taghha. Jirrizulta wkoll li meta mbaghad r-rikorrenti fil-fatt pprezentat r-risposta taghha, l-Ewwel Qorti kemm qalet li r-rikors kien diga` gie ddegretat, minghajr ma jidher li tat kaz ghal dak li ssottomettiet r-rikorrenti.

Tajjeb li jkun riaffermat, anke minn din il-Qorti, illi taghha tibqa` d-diskrezzjoni tesercitax (inkella le) is-setghat kostituzzjonali u/jew konvenzjonali taghha jekk jirrizulta li l-mezzi ordinarji ma kienux bizzejjed sabiex jaghtu rimedju **<u>tajjeb u effettiv</u>** lir-rikorrenti. Din il-Qorti ma ssibx li kien hemm rimedju b`dawn il-karatteristici, wara li qieset l-ilmenti tar-rikorrenti, il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz, kif ukoll il-provi li gabu l-partijiet. Lanqas m`ghandu dawn l-elementi r-rimedju l-iehor indikat mill-Avukat

Generali ta` kawza ad hoc biex jaqa` d-digriet.

Ghalhekk sejra tezercita d-diskrezzjoni taghha illi tiddeciedi l-kawza hi.

**L-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali qeghda tkun __respinta__.**

**2. __L-ewwel eccezzjoni ta` Joseph Camilleri__**

Dwar eccezzjoni ta` din ix-xorta, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza li tat fil-kawza **__Marilyn Tanti vs L-Avukat Generali et__** fis-6 ta` Marzu 2018, irrimarkat hekk :-

*"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta` min ghandu jwiegeb ghal xilja ta` ksur ta` jedd fondamentali tintrabat kemm mal-ghamla tal-ksur li jkun u wkoll mar-rimedju xieraq li jista` jinghata ghal dak il-ksur. Illum hu stabilit li l-Qrati taghna gharfu din ir-rejalta`, u ghalhekk sawru d-distinzjonijiet mehtiega applikabbli ghall-bicca l-kbira mill-kazijiet. Illum il-gurnata jingharfu kategoriji differenti ta` persuni li jistghu jitqiesu bhala legittimi kuntraditturi f`azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jigifieri (a) dawk li jridu jwiegbu direttament jew indirettament ghall-ghemil li jikser id-dritt fundamentali ta` persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu r- rimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-eghmejjel li bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta` xi hadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f`kawza meta kwestjoni ta` xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigh ta` xi kawza f`qorti (Kost. 7.12.1990 fil-kawza fl-ismijiet* ***__Abela vs Onor. Prim Ministru et__****). Ma` dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawza, jistghu jiddahhlu persuni ohrajn bil-ghan li jaghmlu shih il-gudizzju u jaghmluh rapprezentattiv ta` kull interess involut fil-kwestjoni. Ghaldaqstant, meta l- allegazzjoni ta` ksur ta` wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem tqum minn jew fuq proceduri li jkunu pendenti bejn il-partijiet, dawk il-partijiet ghandhom jifformaw parti mill-istess gudizzju, kemm ghaliex dawn ghandhom certament interess fl-istess proceduri u wkoll ghall-integrita` tal-gudizzju* ***__(P.A. Kost. RCP 10.1.2003 fil-kawza fl-ismijiet Kenneth Brincat et vs Avukat Generali et)__****"*

Fil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti qeghda tilmenta dwar vjolazzjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq, minhbba digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), li minnu skatta l-allegat ilment. Joseph Camilleri kien imharrek minhabba li huwa parti fil-kawza li hija pendenti fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Ghalhekk anke jekk mhux se jwiegeb ghal-lezjoni lamentata mir-rikorrenti, xorta wahda ghandu nteress dirett fl-esitu ta` dan il-procediment, anke ghall-fini ta` integrita` tal-gudizzju.

**L-ewwel eccezzjoni tal-intimat Camilleri qeghda tkun <u>michuda</u>.**

## 3. <u>Mertu</u>

Ir-rikorrenti qeghda tilmenta : i) li l-fatti mertu tal-kaz jaghtu lok ghal vjolazzjoni tad-dritt taghha ghal-smigh xieraq ai termini tal-Art 6 tal-Konvenzjoni ; ii) li aktarx illi d-dritt taghha ghal smigh xieraq se jkompli jkun miksur.

Talbet bhala rimedji ewlenija : i) li jithassar id-digriet tal-21 ta` Lulju 2016 u ii) li s-smigh tal-kawza 302/2012 fl-ismijiet *Joseph Camilleri vs Nadia Vella* jigi assenjat lill-Imhallef iehor.

Il-Qorti tinnota li waqt t-trattazzjoni *viva voce* tar-rikorrenti, ma jidhirx li kien hemm insistenza fuq ir-rikors tat-22 ta` Gunju 2016 u s-sussegwenti digriet li nghata fil-21 ta` Lulju 2016, jigiferi r-rikors dwar is-safar.

### a) <u>Dritt</u>

**<u>L-Art 6(1) tal-Konvenzjoni</u>** jghid :-

*Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u*

*imparzjali mwaqqaf b`ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista` jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f`socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f`cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista` tippregudika l-interessi tal-gustizzja.*

**b) <u>Gurisprudenza</u>**

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta (mhux appellata) fil-kawza **<u>Malta Freeport Terminals Ltd vs L-Avukat Generali et</u>** li kienet deciza fil-31 ta` Jannar 2019 inghad hekk :-

*Illi huwa principju assodat li "Is-sistema Maltija hija fondata fuq il-premessa li `il giudice non si presume ne` parziale ne `corrotto". (Farrugia Sacco v Prim Ministru sucitat).*

*Ikkonsidrat li hu dmir ta` gudikant li jiddeciedi kawza u mhux xi vantagg jew privilegg. Jekk ikun hemm vantagg jew privilegg, dan hu li jirrendi l-gudikant parti fil-kawza. La huwa mhux ser jirbah u mhux ser jitlef billi jkun jew ma jkunx jaghmel parti minn tribunal, m`ghandu ebda interess personali jekk ikomplix jisma` l-kawza jew jastjeni ruhu.*

*Illi ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 734 tal-Kap 12, il-kuncett ta` imparzjalita` fil-gurisprudenza u fid-dottrina konvenzjonali ghandha tifsira awtonoma, ben spjegata u applikata mill-Qrati nostrali u mill-Qorti ta` Strasbourg.*

*Hawnhekk issir referenza ghall-kawza kostituzzjonali fl- ismijiet **<u>Sandro Chetcuti vs Avukat Generali et</u>** (12/07/2005) qalet hekk: "Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 ma hemmx lok ghall-rikuza - anzi jista` jkun hemm divjiet ta` astensjoni - izda tista` tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta` l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta` l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra*

*tal-ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali* *__Sant vs Kummissarju tal-Pulizija__* *2/4/90;* *__Cachia vs Onor. Prim Ministru et__* *10/10/91;* *__Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe et__* *17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali)* *__Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et__* *1/11/96). Kwindi anke jekk jista\` ma jkunx hemm lok ta\` rikuza a bazi tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jfissirx b\`daqshekk illi l-kwistjoni tinghalaq hawn ghax l-imparzjalita\` ta\` gudikant hi wahda mis-salvagwardji tad-dritt ta\` smigh xieraq u kwindi jekk il-ligi generali ma tipprovdix rimedju fejn misthoqq, l-artikolu 39 tal- Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319 jistghu jigu invokati biex jekk hu misthoqq jinghata r-rimedju opportun." Dan ser jerga\` jigi trattat iktar \`il quddiem.*

*Illi hekk kif gie stabbilit mill-Qrati taghna li:*

*…*

*"....Indipendentement mill-fatt jekk ic-cirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuza tal-gudikant skont il- ligijiet ta\` procedura. Il-parametri ta\` dawk il-ligijiet ghandhom jitqiesu li twessghu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxu s-smigh xieraq. Irid ghalhekk jigu interpretati fl-ispirtu taghhom u fid-dawl tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropea."* *__(Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et__* *-17 ta\` Lulju 1996 (Kost)).*

*Din il-Qorti taqbel u taghraf li tabilhaqq ir-raġunijiet li ghalihom ġudikant jista\` jiġi rikużat milli jkompli jisma\` kawża m\`humiex biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi u, f\`każijiet eċċezzjonali, jista\` ikun hemm raġunijiet ohrajn serji li jwasslu bhala xierqa ghal tali astensjoni jew rikuża. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa mahsub biex ihares l-ahjar interessi tal-ġustizzja, b\`mod partikolari f\`dak li jirrigwarda l-jedd ta\` smigh xieraq b\`mod imparzjali u kif ukoll it-tishih tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan il-prinċipju jsib applikazzjoni akbar fil-qafas ta\` kawża ta\` natura kostituzzjonali.*

***__Tribunal jew Qorti Imparzjali__***

*Sabiex jigi determinat jekk id-dritt ghas-smigh xieraq gie lez, jew x`aktarx jista` jigi lez: "Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk fil-konkret, u mhux fl-astratt, jistax jinghad li hemm jew jista` jkun hemm "bias" fil-gudikant li jirrendi l-operat tieghu soggettivament jew oggettivament parzjali. L- aforisma "justice must not only be done but must be seen to be done" trid tigi valutata fl-isfond tal-kaz partikolari." [PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor.Prim Ministru et 1/11/96; ara wkoll E. T. Rev. Mons. Arcisqof G. Mercieca pro et vs Onor. Prim` Ministru noe et 22/10/1984 Kost.).*

*L-awturi Van Dijk Van Hoof u Van Rijn fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (4th ed) isostnu wkoll:*

*"The adjectives `independent` and `impartial` are the expression of two different concepts. The notion of `independence` refers to the lack of any connection between the tribunal and other parts of government, whereas the `impartiality must exist in relation to the parties to the suit and the case at issue. However, the Court has not always drawn a clear borderline between the two concepts, and often considers both concepts together."*

*L-istess awturi ikomplu:*

*"For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling, or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forward at the trial."*

***Imparzjalita` Soggettiva jew Oggettiva***

*Il-Qorti Ewropea fis-sentenza "Hauschildt vs Denmark" (1989) fissret ir-rekwiziti hekk:*

*"46. The existence of impartiality for the purposes of Article 6 para. 1 (art. 6-1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (see, amongst other authorities, the De Cubber judgment of 26 October 1984, Series A no. 86, pp. 13-14, para. 24).*

*47. As to the subjective test, the applicant has not alleged, either before the Commission or before the Court, that the judges concerned acted with personal bias. In any event, the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary and in the present case there is no such proof.*

*There thus remains the application of the objective test.*

*48. Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge`s personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused. Accordingly, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see, mutatis mutandis, the De Cubber judgment previously cited, Series A no. 86, p. 14, para. 26).*

*This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive (see the Piersack judgment of 1 October 1982, Series A no. 53, p. 16, para. 31). What is decisive is whether this fear can be held objectively justified."*

*Inoltre, kif fuq premess: "Personal impartiality is to be presumed until there is proof to the contrary." (Le Compte, Van Leuven and De Meyere v Belgium (1983).*

*Illi l-Qorti Ewropea fil-kaz ta` Kyprianou v Cyprus kompliet tfisser dawn l-elementi:*

*"2. An analysis of the Court`s case-law discloses two possible situations in which the question of a lack of judicial impartiality arises. The first is functional in nature: where the judge`s personal conduct is not at all impugned, but where, for instance, the exercise of different functions within the judicial process by the same person (see Piersack, cited above), or hierarchical or other links with another actor in the proceedings (see court martial cases, for example, Grieves, cited above, and Miller and Others v. the United Kingdom, nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004), objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, which thus fails to meet the Convention standard under the objective test (see paragraph 118 above). The second is of a personal character and derives from the conduct of the judges in a given case. In terms of the objective test, such conduct may be sufficient to ground legitimate and objectively justified apprehensions as in Buscemi, cited above, but it may also be of such a nature as to raise an issue under the subjective test (see, for example, Lavents, cited above) and even disclose personal bias. In this context, therefore, whether a case falls to be dealt with under one test or the other, or both, will depend on the particular facts of the contested conduct."*

*Il-Qorti Ewropea (GC) fil-kaz Micallef v Malta kompliet tapprofondixxi t-testijiet ta` soggettivita` u oggettivita:*

*"3. As to the subjective test, the principle that a tribunal shall be presumed to be free of personal prejudice or partiality is long-established in the case-law of the Court (see, for example, Kyprianou v. Cyprus [GC], no. 73797/01, § 119, ECHR 2005-XIII). The Court has held that the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see Wettstein, cited above, § 43). As regards the type of proof required, the Court has, for example, sought to ascertain whether a judge has displayed hostility or ill will for personal reasons (see De Cubber v Belgium, 26 October 1984, § 25, Series A no. 86).*

*4. In the vast majority of cases raising impartiality issues*

*the Court has focused on the objective test. However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, § 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge`s subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee (see Pullar v. the United Kingdom, 10 June 1996, § 32, Reports 1996-III).*

*5. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge`s conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Wettstein, cited above, § 44, and Ferrantelli and Santangelo v. Italy, 7 August 1996, § 58, Reports 1996-III).*

*6. The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other actors in the proceedings (see court martial cases, for example, Miller and Others v. the United Kingdom, nos.45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004; see also cases regarding the dual role of a judge, for example, Mežnarić v. Croatia, no.71615/01, 15 July 2005, § 36, and Wettstein, cited above, § 47, where the lawyer representing the applicant`s opponents subsequently judged the applicant in a single set of proceedings and overlapping proceedings respectively) which objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, and thus fail to meet the Convention standard under the objective test (see Kyprianou, cited above, § 121). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38).*

*7. In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic*

*society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, §45, Reports 1998-VIII)." (Ara f`dan l-istes sens Hauschildt vs Denmark" (1989) citat supra).*

*Illi fil-kaz Lawrence Grech et v Avukat Generali et- QK - 7 ta` Marzu 2017 gie ritenut hekk:*

*...*

*Dwar l-ezistenza tal-apparenza tal-imparzjalita`, l-Qorti kompliet:*

*"13. L-apparenzi wkoll jistghu jkunu konsiderazzjonijiet oġġettivi li joholqu dubji. Ukoll jekk ma hemmx rabtiet ġerarkiċi bejn ġudikant u parti fil-kawża, jekk l-apparenzi huma hekk li persuna raġonevoli tista` wkoll minghajr wisq tiġbid jaghtu x`tahseb li hemm dawk ir-rabtiet, id-dubju ta` dik il-persuna dwar l-imparzjalità tal-ġudikant jista` jkun dubju oġġettivament ġustifikat.*

*14. Fejn jeżistu dubji bhal dan, ikun fl-interess mhux biss tal-parti li oġġettivament tara raġunijiet ta` parzjalità kontriha li l-ġudikant ma jkomplix jisma` l-każ; ikun ukoll fl- interess tal-parti l-ohra ghaliex il-ġudikant jista`, biex jeghleb kull dubju dwar l-imparzjalità tieghu ixaqleb, imqar inkonxjament favur l-parti l-ohra.*

*15. Il-kwistjoni issa hi jekk fil-każ tallum hemmx raġunijiet oġġettivi li f`osservatur raġonevoli u imparzjali jistghu joholqu dehra ta` rabtiet bejn ġudikant u parti f`kawża hekk li tiddghajjef il-fiduċja fl-imparzjalità ta` dak il-ġudikant".*

Jidher illi bl-istanza taghha r-rikorrenti qeghda tipprova tolqot l-esitu tar-rikors li kien ipprezenta Camilleri fl-4 ta` Lulju 2016, li

kien jittratta l-access tal-minuri, u dak tar-rikors ta` Camilleri tal-20 ta` Lulju 2016, fejn stante nuqqas ta` notifika talab lill-Qorti sabiex tghaddi ghal provvediment bid-dispensa ta` notifika. Ir-rikorrenti qeghda tilmenta dwar dak li nkiteb mill-Qorti fid-digriet wara dan ir-rikors u cioe` –

*"Tilqa l-ewwel talba u dan peress illi l-intimata tul l-kors kollu ta` dawn l-proceduri, sfidat l-ordnijiet tal-Qorti b`mod ripetut u konsistenti u ghamlet minn kollox biex tostakola l-access tal-missier ghal ibnu u dan b`detriment kbir ghall-istess minuri"*

Irrizulta li fil-21 ta` Lulju 2016, qabel ma kienet prezentata r-risposta tar-rikorrenti fit-terminu akkordat lilha mill-Qorti stess, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) laqghet ir-raba` talba tal-intimat.

Jigi notat li fir-rikors li pprezenta l-intimat kien hemm hames talbiet u li l-Qorti fil-fatt laqghet biss r-raba` talba li bih ordnat li l-access tal-minuri jkun gimgha mal-missier u gimgha mal-omm.

Wara li kienet prezentata r-risposta tar-rikorrenti, il-Qorti b`digriet iehor tas-26 ta` Lulju 2016, qalet :

*"Tirrileva illi l-Qorti diga ddekretat r-rikors permezz ta` digriet datat 21 ta` Lilju 2016."*

Ma jirrizultax illi r-rikorrenti ppruvat tvarja d-digriet li l-Qorti kienet tat dwar l-access anke ghaliex jirrizulta li r-rikors u digriet kienu limitati fiz-zmien. Ghalhekk wiehed jista` jghid li l-effett ta` dak id-digriet waqaf wara li ghaddew x-xhur tas-Sajf.

Sabiex din il-Qorti tkun tista` tiddeciedi jekk l-ilmenti tar-rikorrenti mir-rikorrenti jirrizultax inkella le, hemm bzonn li tqis l-proceduri li ghaddejin quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Kienet prezentata kopja legali tal-process.

Jirrizulta minn dawn l-atti :-

a) Fis-6 ta` Settembru 2013, Camilleri pprezenta rikors fejn billi kien jidher li r-rikorrenti kienet qed tirrifjuta li taghtih access ghat-tifel, talab li jittiehdu proceduri ta` disprezz fil-konfront tar-rikorrenti. Il-Qorti tat dgiret fis-7 ta` Ottubru 2013, wara li r-rikorrenti ghalkemm notifikata ma pprezentatx risposta.

b) Fl-udjenza tal-5 ta` Novembru 2013, sar dan il-verbal :

*"Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-intimata uriet arroganza kbira, kif ukoll disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti meta qabdet u iddecidiet illi ma tigix il-Qorti illum u iddecidiet ukoll illi dan r-rikors ma kellux jinstema mill-Qorti izda mill-Assistent Gudizzjarju. L-intimata ma pprezentat l-ebda certifikat mediku ikkonfermat bil-gurament minn tabib u ghalhekk ma hemm l-ebda gustifikazzjoni ghall-agir taghha u il-Qorti qeghda issibha hatja ta` disprezz u tikkundannaha multa ta` mitt ewro."*

c) Fis-seduti ta` bejn Novembru 2013 u Gunju 2017, hlief ghall-kwistjonijiet li huma mertu ta` din il-kawza, jidher li l-affarijiet mxew regolarment quddiem il-qorti.

d) Fl-udjenza tal-14 ta` Gunju 2017, ir-rikorrenti ma dehritx u l-Qorti rega` sabitha hatja ta` disprezz u ordnat il-hrug ta` mandat ta` akkumpanjament ghas-seduta ta` wara. F`din s-seduta xehed l-Ispettur Matthew Spagnol li pprezenta l-fedina penali tar-rikorrenti. Minn din jirrizulta illi kien hemm sitt rapporti differenti dwar nuqqas ta` access kontra r-rikorrenti. Ippezenta wkoll numru ta` rapporti, sitta u erbghin (46) rapport li saru mill-intimat bejn l-14 ta` Luju 2008 u 30 ta` April 2017 dwar nuqqas ta` access.

e) Ittiehdu proceduri ta` disprezz mir-Registratur tal-Qorti kontra r-rikorrenti wara li l-marixxal ipprova jesegwixxi d-digriet li tat il-Qorti fil-21 ta` Lulju 2016 u dan wara rapport li sar mill-marixxal.

**Wara li rat l-atti din il-Qorti, bla tlaqlieq, tiddeplora l-fatt illi z-zewg nahat fil-kawza dawwru l-aktar fatt ghaziz, li twieled mir-relazzjoni burraskuza taghhom, u cioe` binhom Eric litteralment f`balloon, minghajr misthija ta` xejn. Ma fehmu propju xejn x`ifisser fil-fatt u fid-dritt il-principju li qabel kull konsiderazzjoni l-interess tal-minuri jigi l-ewwel u**

**qabel kollox.**

Dan premess b`konvinzjoni minn din il-Qorti, id-digrieti li minnhom qeghda tilmenta r-rikorrenti minhabba nuqqas ta` smigh xieraq illum tilfu l-effett taghhom ghar-ragunijiet li diga` kienu spjegati. Ma hemmx ghalhekk aktar riskju ta` pregduizzju ghar-rikorrenti.

**A skans ta` ekwivoci, din il-Qorti tirrileva li c-cirkostanzi mertu ta` din il-kawza huma differenti minn dawk tal-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet li qeghda tkun deciza llum ukoll.**

**Il-mertu ta` l-ilment odjern ma jirrigwardax dawk ic-cirkostanzi specjali li fihom decizjonijiet jew digrieti provvizorji jistghu jigu evalwati fl-ambitu tal-Art 6 tal-Konvenzjoni. Ic-cirkostanzi relattivi ghall-kaz tal-lum m`ghadhomx jissussistu, apparti l-fatt li bhala tali ma kellhomx is-serjeta` jew gravita` daqshekk qawwija li setghu jwasslu ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq bil-kawza quddiem il-qorti l-ohra ghadha ghaddejja. Sabiex tara kienx hemm vjolazzjoni, trid tara l-proccediment fit-totalita` tieghu u mhux toqghod fuq episodji singoli.**

**L-ilment l-iehor tar-rikorrenti relatat mal-kliem li ntuza mill-Imhallef li qeghda tippresjedi l-Qorti tal-Familja li fil-fehma tar-rikorrenti jippregudika l-jedd taghha ghal smigh xieraq u allura qeghda titlob bhala rimedju l-assenjazzjoni tal-kaz lil Imhallef iehor huwa fattwalment u legalment insostenibbli.**

**Kull Imhallef ghandu l-jedd li jaccerta u jenforza d-dixxiplina tal-process gudizzjarju. Il-fatt li l-Imhallef koncernata dehrilha li kellha tuza l-kliem iebes li wzat biex tassikura l-awtorita` tal-qorti fuq l-imgieba tal-partijiet ma jista` qatt jigi mifhum bhala li jfisser li ghandha *bias* kontra r-rikorrenti li se jkollu effett prorompenti fuq is-sentenza finali tal-qorti. Il-parzjalita` oggettiva u/jew soggettiva tal-gudikant trid tigi ppruvata b`mod konklussiv fuq l-iskorta ta`**

**fatti ppruvati.**

**Ir-rikorrenti bbazat ruhha biss fuq ir-rikorsi tat-22 ta` Gunju 2016 u tal-4 ta` Lulju 2016 (u relattivi provvedimenti), minghajr ma ghamlet prova li matul dik il-kawza kien hemm jew seta`kien hemm allegata parzjalita`. Fuq l-iskorta tal-atti tal-kawza pendenti quddiem il-qorti l-ohra, ma tirrizultax il-prova tal-parzjalita` tal-imhallef sedenti. <u>Lanqas</u> il-fatt li r-rikorrenti nstabet hatja ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti ma huwa prova ta` *bias* da parti tal-gudikant li jqieghed fid-dubju l-legittimita` tal-eventwali decizjoni fil-mertu.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat Avukat Generali.**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Joseph Camilleri.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat Joseph Camilleri.**

**Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom**

**jithallsu in kwantu ghal sebghin fil-mija (70%) mir-rikorrenti, in kwantu ghal hmistax fil-mija (15%) mill-intimat Avukat Generali u in kwantu ghal hmistax fil-mija (15%) mill-intimat Joseph Camilleri.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**

**Imhallef**

**Amanda Cassar**

**Deputat Registratur**